**Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.**

(2022/C 405/10)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-Brigadier Ġeneral tal-IRGC Hossein Salami, il-Brigadier Ġeneral tal-IRGC Amir Ali Haji ZADEH, il-Forza Ajruspazjali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika u Qods Aviation Industries, persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK u fl-Anness IX għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.

Il-Kunsill biħsiebu jinkludi lill-persuni u l-entitajiet imsemmija hawn fuq fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet previsti għad-deżinjazzjoni tagħhom, sat-28 ta' Ottubru 2022, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Email: sanctions@consilium.europa.eu